**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-4 ta' Awwissu 2006**

**li tistabbilixxi allokazzjoni indikattiva għal kull Stat Membru ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-għan ta' koperazzjoni territorjali Ewropea għall-perijodu 2007-2013**

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3473)*

(2006/609/KE)

(ĠU L 247, 5.6.2007, p. 26)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/349/KE, tal-15 ta' Mejju 2007 | L 131 | 24 | 23.5.2007 |

▼B

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta’ l-4 ta' Awwissu 2006**

**li tistabbilixxi allokazzjoni indikattiva għal kull Stat Membru ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-għan ta' koperazzjoni territorjali Ewropea għall-perijodu 2007-2013**

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3473)*

(2006/609/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11.07.2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjunali, għall-Fond Ewropew Soċjali u l-Fond ta' Koeżjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond il-punt (c) ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 l-għan tal-koperazzjoni territorjali Ewropea jimmira lejn it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transfruntiera permezz ta' inizjattivi konġunti lokali u reġjunali u kooperazzjoni transnazzjonali permezz ta' l-azzjoni li twassal għall-iżvilupp territorjali integrat li huwa konness mal-prijoritajiet Komunitarji.

(2) Skond il-punt (c) ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 il-Fond ta' Żvilupp Reġjunali Ewropew għandu jikkontribwixxi lejn il-ksib ta' l-għanijiet li jissemmew fil-punt (c) ta' l-Artikolu 3(2) ta' dak ir-Regolament.

(3) Skond l-Artikolu 21(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 2,52 % tar-riżorsi disponibbli għall-impenn mill-Fondi għall-perijodu 2007 sa l-2013 għandhom jiġu allokati għall-għan tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea, inklużi 73,86 % għall-iffinanzjar tal-kooperazzjoni transfruntiera u 20,95 % għall-iffinanzjar tal-kooperazzjoni transnazzjonali.

(4) Huwa meħtieġ li jsir tqassim indikattiv mill-Istati Membri tar-riżorsi li għandhom jiġu allokati għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea. Skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, dan għandu jsir skond il-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

(5) Il-ħames paragrafu ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jistabbilixxi l-metodu għall-allokazzjoni tar-riżorsi disponibbli lill-Istati Membri u lir-reġjuni eliġibbli għall-iffinanzjar skond il-paragrafi 1 u 2 ta' l-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

(6) Il-paragrafu 7 ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jiddetermina l-livell massimu ta' trasferiment mill-Fondi għal kull Stat Membru individwali.

(7) Il-Paragrafi 12 sa 31 ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jistabbilixxu l-ammonti li jagħmlu parti mill-każijiet speċifiċi għall-perijodu 2007 sa 2013, inkluża l-allokazzjoni speċjali għall-programm PEACE, li għandha tiġi implimentata bħala programm transfruntiera.

(8) Skond l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 0,25 % tar-riżorsi disponibbli għall-impenn mill-Fondi għall-perijodu 2007 sa l-2013 għandhom jiġu allokati għall-iffinanzjar ta' l-assistenza teknika fuq inizjattiva

([1]) ĠU L 210, 31.07.2006, p. 25.

▼B

tal-Kummissjoni; l-allokazzjoni indikattiva għal kull Stat Membru m'għandhiex għalhekk tinkludi l-ammont li jikkorrispondi għall-assistenza teknika.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammonti indikattivi għal kull Stat Membru ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenn għar-reġjuni li huma eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali skond il-għan tal-Kooperazzjoni territorjali Ewropea kif jissemma fil-paragrafi 1 u 2 ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, inklużi l-ammonti addizzjonali stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament, għandhom ikunu kif stabbilit fit-tabella 1 ta' l-Anness I.

It-tqassim ta' kull sena għal kull Stat Membru skond is-sena ta' approprjazzjoni ta' impenn imsemmija fil-paragrafu ta' qabel għandu jkun kif stabbilit fit-tabella 2 ta' l-Anness I.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M1

*ANNESS*

**Allokazzjoni indikattiva għal kull Stat Membru ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Istati Membri u reġjuni li huma eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali skond l-objettiv ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013**

| L-Istat Membru | Tabella 1 – Ammont ta' approprjazzjonijiet (EUR, prezzijiet 2004) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Reġjuni li huma eliġibbli skond l-objettiv ta' Kooperazzjoni territorjali Ewropea | | | | | Finanzjament addizzjonali msemmi f'-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 taħt il-paragrafu: | |
| | Transkonfinali | | | | Transnazzjonali | §21 | §22 |
| | Intern | Trasferiment ENPI | Trasferiment IPA | Ttotal | | | |
| België/ Belgique | 138 683 798 | | | 138 683 798 | 33 648 858 | | |
| Balgarija | 86 111 503 | 3 102 000 | 33 810 000 | 123 023 503 | 25 632 416 | 10 284 465 | |
| Ceska Repubblika | 244 455 613 | | | 244 455 613 | 33 227 937 | 67 403 698 | |
| Danmark | 74 215 963 | | | 74 215 963 | 17 511 738 | | |
| Deutschland | 439 092 177 | | | 439 092 177 | 268 676 193 | 46 552 473 | |
| Eesti | 33 718 404 | 8 311 000 | | 42 029 404 | 4 433 962 | | |
| Éire/Ireland | 62 519 179 | | | 62 519 179 | 12 789 400 | | 58 300 347 |
| Ellada | 88 684 278 | 7 027 000 | 38 296 000 | 134 007 278 | 35 790 788 | 15 983 389 | |
| España | 265 276 016 | 98 434 000 | | 363 710 016 | 132 074 861 | | |
| France | 562 425 071 | 10 833 000 | | 573 258 071 | 199 472 091 | | |
| Italia | 397 945 802 | 54 402 000 | 103 486 000 | 555 833 802 | 186 182 745 | 8 414 488 | |
| Kypros | 19 762 948 | 317 000 | 2 000 000 | 22 079 948 | 2 329 361 | | |
| Latvija | 50 791 319 | 21 417 000 | | 72 208 319 | 7 617 737 | | |
| Lietuva | 60 432 203 | 25 380 000 | | 85 812 203 | 11 299 892 | | |
| Lussem-burgu | 11 665 819 | | | 11 665 819 | 1 453 448 | | |
| Magya-rorszag | 197 927 680 | 20 630 000 | 60 570 000 | 279 127 680 | 33 090 573 | 30 382 588 | |
| Malta | 11 525 022 | 700 000 | | 12 225 022 | 1 289 699 | | |
| Nederland | 166 380 429 | | | 166 380 429 | 52 597 106 | | |
| Österreich | 151 118 200 | | | 151 118 200 | 26 332 104 | 50 195 673 | |
| Polska | 332 415 492 | 153 113 000 | | 485 528 492 | 124 530 090 | 38 216 394 | |
| Portugal | 53 368 153 | 586 000 | | 53 954 153 | 33 773 941 | | |
| România | 211 575 782 | 67 742 000 | 29 613 000 | 308 930 782 | 70 994 855 | 23 207 715 | |
| Slovenija | 43 336 138 | | 23 862 000 | 67 198 138 | 6 498 594 | 18 786 168 | |
| Slovensko | 159 645 924 | 7 335 000 | | 166 980 924 | 17 560 404 | 17 065 458 | |
| Suomi-Finland | 54 696 740 | 35 000 000 | | 89 696 740 | 16 941 695 | | |
| Sverige | 198 144 807 | 8 000 000 | | 206 144 807 | 29 072 222 | | |
| United Kingdom | 306 039 072 | | | 306 039 072 | 192 941 833 | | 141 199 653 |
| Total | 4 421 953 532 | 522 329 000 | 291 637 000 | 5 235 919 532 | 1 577 764 543 | 326 492 509 | 199 500 000 |

▼M1

| L-Istat Membru | Tabella 2 – Analiżi annwali ta' approprjazzjonijiet (EUR, prezzijiet 2004) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
| België/ Belgique | 24 096 228 | 24 181 322 | 24 351 512 | 24 606 795 | 24 862 078 | 25 032 266 | 25 202 455 |
| Balgarija | 22 307 579 | 22 372 401 | 22 502 044 | 22 696 509 | 22 890 974 | 23 020 617 | 23 150 260 |
| Ceska Repubblika | 48 781 994 | 48 866 024 | 49 034 084 | 49 286 174 | 49 538 264 | 49 706 324 | 49 874 384 |
| Danmark | 12 831 919 | 12 876 204 | 12 964 775 | 13 097 631 | 13 230 487 | 13 319 057 | 13 407 628 |
| Deutschland | 103 586 333 | 104 265 787 | 105 624 694 | 107 663 056 | 109 701 417 | 111 060 324 | 112 419 232 |
| Eesti | 6 568 744 | 6 579 957 | 6 602 383 | 6 636 021 | 6 669 661 | 6 692 087 | 6 714 513 |
| Éire/Ireland | 18 888 311 | 18 920 654 | 18 985 340 | 19 082 369 | 19 179 398 | 19 244 084 | 19 308 770 |
| Ellada | 25 984 211 | 26 074 722 | 26 255 744 | 26 527 278 | 26 798 811 | 26 979 833 | 27 160 856 |
| España | 68 774 676 | 69 108 679 | 69 776 686 | 70 778 697 | 71 780 706 | 72 448 713 | 73 116 720 |
| France | 107 291 297 | 107 795 740 | 108 804 628 | 110 317 960 | 111 831 291 | 112 840 179 | 113 849 067 |
| Italia | 104 312 152 | 104 782 989 | 105 724 662 | 107 137 171 | 108 549 681 | 109 491 354 | 110 433 026 |
| Kypros | 3 450 858 | 3 456 749 | 3 468 531 | 3 486 203 | 3 503 875 | 3 515 656 | 3 527 437 |
| Latvija | 11 285 384 | 11 304 648 | 11 343 177 | 11 400 970 | 11 458 763 | 11 497 293 | 11 535 821 |
| Lietuva | 13 697 617 | 13 726 193 | 13 783 345 | 13 869 074 | 13 954 803 | 14 011 955 | 14 069 108 |
| Lussem-burgu | 1 851 602 | 1 855 278 | 1 862 629 | 1 873 656 | 1 884 682 | 1 892 034 | 1 899 386 |
| Magya-rorszag | 48 428 927 | 48 512 610 | 48 679 975 | 48 931 023 | 49 182 070 | 49 349 435 | 49 516 801 |
| Malta | 1 910 639 | 1 913 901 | 1 920 424 | 1 930 208 | 1 939 993 | 1 946 517 | 1 953 039 |
| Nederland | 30 465 429 | 30 598 440 | 30 864 465 | 31 263 503 | 31 662 541 | 31 928 566 | 32 194 591 |
| Österreich | 32 111 794 | 32 178 385 | 32 311 568 | 32 511 341 | 32 711 114 | 32 844 296 | 32 977 479 |
| Polska | 90 676 181 | 90 991 104 | 91 620 952 | 92 565 722 | 93 510 492 | 94 140 339 | 94 770 186 |
| Portugal | 12 007 919 | 12 093 330 | 12 264 151 | 12 520 384 | 12 776 615 | 12 947 437 | 13 118 258 |
| România | 56 487 600 | 56 667 138 | 57 026 215 | 57 564 830 | 58 103 446 | 58 462 523 | 58 821 600 |
| Slovenija | 13 110 890 | 13 127 323 | 13 160 192 | 13 209 495 | 13 258 798 | 13 291 667 | 13 324 535 |
| Slovensko | 28 528 175 | 28 572 584 | 28 661 400 | 28 794 625 | 28 927 850 | 29 016 668 | 29 105 484 |
| Suomi-Finland | 14 970 879 | 15 013 723 | 15 099 410 | 15 227 942 | 15 356 473 | 15 442 160 | 15 527 848 |
| Sverige | 33 150 806 | 33 224 327 | 33 371 368 | 33 591 930 | 33 812 492 | 33 959 532 | 34 106 574 |
| United Kingdom | 88 457 084 | 88 945 013 | 89 920 872 | 91 384 662 | 92 848 450 | 93 824 309 | 94 800 168 |
| Total | 1 024 015 228 | 1 028 005 225 | 1 035 985 226 | 1 047 955 229 | 1 059 925 225 | 1 067 905 225 | 1 075 885 226 |